**MT**

MT

MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.3.2009
KUMM(2009) 141 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

## Ir-Raba' Rapport ta' Kontroll dwar ir-ristrutturar tal-azzar fir-Repubblika Ċeka u fil-Polonja

## 1. DAĦLA

Dan ir-rapport ikopri r-riżultati miksuba tul l-aħħar sena ta' ristrutturar tal-industriji Ċeki u Pollakki. Dan tħejja f'konformità mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ provduti fil-Protokoll 2[1] u Protokoll 8[2] speċifiċi rispettivament, inkorporati fit-Trattat tal-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka u tal-Polonja.

Il-Protokolli msemmija hawn fuq speċifikaw il-perjodu tranżitorju biex jiġi ffinalizzat l-istrutturar tas-setturi tal-azzar u l-limiti ewlenin għall-evalwazzjoni tal-kisbiet tagħhom.

Il-Kummissjoni adottat rapporti ta' monitoraġġ fl-2004[3], fl-2005[4] u fl-2006[5]. Dan ir-raba' rapport ta' monitoraġġ finali jissupplimenta r-rapporti preċedenti tal-Kummissjoni u jevalwa r-riżultati miksuba fl-2006, l-aħħar sena tal-perjodu tranżitorju u jqis l-informazzjoni relevanti li saret disponibbli fl-2007 u l-2008.

## 2. L-ISTRUTTURAR MILL-ĠDID TAS-SETTUR TAL-AZZAR ĊEK

Il-kumpaniji kopruti bid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 2 kienu: Ispat Nova Hut (issa Mittal Steel Ostrava - MSO), Valcovny Plechu Fridek-Mystek (VPFM) u Vitkovice Steel (VS). Fl-2006 dawn il-kumpaniji rrappreżentaw sehem ta' 57% tal-produzzjoni Ċeka tal-azzar

### 2.1. Għajnuna tal-istat għar-ristrutturar

Il-Kummissjoni kkonkludiet fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli li r-Repubblika Ċeka irrispettat l-obbligi tal-Protokoll dwar l-għajnuna tal-istat. L-evalwazzjoni finali turi li l-ammont globali tal-għajnuna statali mogħtija lill-kumpaniji benefiċjarji għall-għanijiet ta' ristrutturar kienet ta' CZK 8.3 biljun jiġifieri 59 % mil-limitu tal-Protokoll ta' CZK 14.15 biljun. Din l-għajnuna ingħatat sal-aħħar tal-2003. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, peress li kienet inqas minn dak previst, l-ammont tal-għajnuna li fil-fatt qed jingħata ma kellux effett ħażin fuq l-andament finanzjarju tal-kumpaniji.

Din l-għajnuna kienet iffukata primarjament fuq l-istrutturar finanzjarju. It-tnaqqis tal-piż tad-dejn tal-kumpaniji benefiċjarji ffaċilita l-akkwist tagħhom min-naħa ta' investituri strateġiċi u ħalla miftuħa għall-aċċess il-fondi meħtieġa għall-iffinanzjar tal-programmi ta' modernizzazzjoni. L-ammont ta' għajnuna mogħtija ġie ddeterminat abbażi tal-Programm Nazzjonali tar-Ristrutturar (PNR) u Pjanijiet ta' Negozju Individwali (PNI) fejn l-investimenti kellhom rwol ċentrali fit-tnaqqis tal-ispejjeż u t-titjib tal-kwalità tal-prodotti lesti sabiex jiżdied id-dħul operazzjonali tal-kumpaniji. Fl-aħħar evalwazzjoni tagħha, il-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari lir-relazzjoni bejn l-għajnuna li ngħatat mill-istat u l-investimenti realizzati.

Minn analiżi ħarġu r-riżultati li ġejjin għal kull kumpanija:

---

1 ĠU L 236 tat-23.9.2003, p 934
2 ĠU L 236 tat-23.9.2003, p. 948
3 COM(2004) 443 finali
4 COM(2005)359 finali
5 COM(2006)814 finali

a) L-MSO rċeviet 86% tal-ammont massimu ta' għajnuna għar-ristrutturar permess mill-Protokoll, li l-biċċa l-kbira minnu ġie pprovdut fl-2003 u kellu x'jaqsam ma' dejn maħfur;

b) Il-VPFM rċeviet 99% tal-ammont massimu tal-għajnuna tal-istat provduta mill-Protokoll li ngħatat fl-2003, li tkopri prinċipalment l-iskambju tad-dejn għall-ekwità ma' aġenziji ta' privatizzazzjoni proprjetà tal-istat. Parti minn din l-għajnuna ġiet rimborżata (ara 3.4.2 hawn taħt).

c) Il-VS rċeviet 37 % mill-massimu stabbilit bil-Protokoll, prinċipalment waqt il-perjodu 1997-2001 u l-ebda għajnuna għar-ristrutturar ma ngħatat lill-kumpanija wara l-2002. L-għanijiet tal-għajnuna kienu biex itaffu d-dejn tal-kumpanija *vis-à-vis* il-kredituri ewlenin u sa ċertu punt biex ikopru l-ispejjeż operazzjonali.

Il-Protokoll irrikjeda li l-ebda għajnuna ta' ristrutturar ma tista' tingħata lil kumpaniji li mhumiex inklużi fil-PNR. Il-Kummissjoni nediet investigazzjoni dwar il-kumpanija Ċeka Trinecke li mhijiex koperta bil-Protokoll, iżda kkonkludiet li ma ngħatat l-ebda għajnuna statali illegali lil din il-kumpanija[6].

## 2.2. Tnaqqis tal-kapaċità

Sabiex jagħmel tajjeb għall-vantaġġ kompetittiv, li l-kumpaniji benefiċjarji kisbu permezz tal-għajnuna ristrutturali mogħtija, l-Anness 2 tal-Protokoll irrikjeda l-għeluq ta' bosta faċilitajiet ta' produzzjoni. It-tnaqqis fil-kapaċità netta li għandu jintlaħaq mir-Repubblika Ċeka għal prodotti lesti waqt il-perjodu 1997-2006 għandu jkun ta' 590,000 tunnellati metriċi.

Dawn l-istallazzjonijiet kien għadda żmienhom sew u l-għeluq tagħhom kien ta' benefiċċju mil-lat ta' riżultati finanzjarji tal-kumpaniji u kkontribwew ukoll biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-pollutanti għall-ambjent. Il-monitoraġġ wera li l-għeluq ta' dawn sar f'konformità mad-deċiżjoni relevanti tal-Kummissjoni[7]

Il-fabbriki tar-rombli għall-manifattura tal-pjanċi bis-sħana Nru 1 u Nru 2 ta' VPFM li l-għeluq tagħhom kien pospost għal sitt xhur kif irrapportat fit-tielet rapport ta' progress[8] iżżarmaw waqt l-ewwel semestru tal-2006.

L-MSO wettaq bidla ta' kapaċità tal-impjant ta' sezzjoni f'konformità mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni[9]. Il-bidla involviet il-modernizzazzjoni tal-impjant eżistenti minflok kostruzzjoni ta' impjant ġdid, li tirrikjedi ħafna inqas spejjeż ta' kapital milli previst. Il-Kummissjoni kkonkludiet li mill-fatt li l-kumpanija rċeviet inqas għajnuna mill-istat milli previst din il-bidla baqgħet newtrali mil-lat tal-għajnuna tal-istat.

---

6 2007/319/KE: Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat- 8 ta' Settembru 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat C 45/04 (ex NN 62/04) favur il-produttur tal-azzar Ček Třinecké železárny a.s.ĠU L 119 tad- 09.05.2007 p.37-44

7 Id-Deċiżjoni 3010/91/KEFA ĠU L 286, 16.10.1991, p. 20

8 COM (2006) 814 finali

9 Każ tal-Għajnuna tal-Istat Nru 350/06 – Bidla tal-pjan tar-ristrutturar tal-MSO – Ir-Repubblika Ċeka fit-13.09.2006, ĠU C 280 tat-18.11.2006 p.4

## 2.3. Limiti ewlenin oħra ta' ristrutturar

### *2.3.1. Vijabilità u andament finanzjarju*

Fl-aħħar tal-perjodu tar-ristrutturar fl-2006 kull kumpanija benefiċjarja għaddiet it-test tal-vijabbilità tal-Kummissjoni kif deskritt fil-Protokoll[10] Huma kisbu EBITDA ta' bejn 20.2 % u 23.4 %, b'mira ta' 10.0 % u EBIT bejn 17.1 % u 23.0 %, bil-mira ta' 1.5 %. Dawn ir-riżultati huma aħjar milli kienu mistennija fir-rapport ta' progress preċedenti[11].

### *2.3.2. Produttività u impjiegi*

Waqt l-2006 l-għadd ta' impjiegi mnaqqsa mill-kumpaniji benefiċjarji kien ogħla milli previst (livell ta' impjiegi annwali fuq medja ta' 11,905 kontra mira ta' PNR ta' 12,222). Ir-riżultat inkiseb il-biċċa l-kbira mill-kuntrattjar estern, l-irtirar kmieni u skema ta' sensji volontarji. Madankollu bħala konsegwenza tal-programmi ta' investiment imtawla, żewġ kumpaniji benefiċjarji ma laħqux il-livell ta' mira ta' impiegi sal-aħħar tal-2006, iżda irnexxilhom jagħmlu dan sal-aħħar tal-2007.

It-tnaqqis ta' impjiegi miksub, waqt il-perjodu ta' monitoraġġ, flimkien mal-produzzjoni li żdiedet tal-kumpaniji benefiċjarji rriżultat f'livelli ogħla ta' produttività. Għalkemm il-produttività finali (madwar 365 tunnellati kull persuna) tibqa' ħarira inqas mill-medja tal-UE, dawn l-ammonti jaqbżu sew il-livelli previsti fil-IBPs, minbarra għall-VPFM.

### *2.3.3. Tnaqqis tal-infiq*

Il-proċessi ta' produzzjoni ġew irrazzjonalizzati u l-prattiki tajba ta' maniġment bħall-ħolqien ta' gruppi għat-tnaqqis tal-infiq u l-investiment f' mezzi ġodda tal-IT , taw kontribut għat-tnaqqis tal-infiq. Għadd kbir ta' inizjattivi żgħar li għandhom x'jaqsmu mal-manteniment u t-tiswijiet taw kontribut biex tinkiseb din il-mira ta' ristrutturar. Wara li l-investituri strateġiċi ġodda tas-settur privat ħadu f'idejhom il-kumpaniji li qabel kienu proprjetà tal-istat, kien innutat titjib radikali minħabba li t-tnaqqis fl-infiq kien sar funzjoni ewlenija fi ħdan il-kultura tal-kumpaniji.

Barra minn hekk, ir-rati mtejba ta' utilizzazzjoni tal-installazzjonijiet kkontribwew għall-infiq imnaqqas għal kull unità prodotta. Dan huwa fattur ta' infiq importanti u kruċjali għall-prestazzjoni ambjentali u ekonomika tal-kumpaniji.

## 2.4. Rekwiżiti ta' Protokoll oħra

### *2.4.1. Strateġiji ta' negozji/swieq*

Inkisbet bidla sinifikanti fl-istrateġiji tan-negozji tal-kumpaniji benefiċjarji. It-tneħħija tan-negozju bi tpartit irrappreżentat kisba importanti. Stimulati mill-privatizzazzjoni u ffaċilitati minn żviluppi partikolarment favorevoli, il-kumpaniji benefiċjarji rrevedew it-taħlita ta' prodotti tagħhom, tejbu l-kwalità tal-prodotti lesti, u daħlu fi swieq b'valur miżjud ogħla sabiex ikunu jistgħu jikkompetu fuq il-kwalità

---

10 Il-kumpaniji għandhom jiksbu:
- riżultat gross ta' operazzjoni tal-fatturat Jiġifieri l-% tal-EBITDA (Earning before interest, tax, depreciation and amortization) [Il-qligħ qabel l-interessi, it-taxxa, id-deprezzament u l-amortizzazzjoni] tal-fatturat ta' mill-inqas 10% tal-kumpaniji tal-azzar mhux integrati u 13.5 % għal impjanti mhux integrati);
- dħul mill-fatturat fuq il-kapital, jiġifieri il-% EBIT (*earnings before interest and taxes*) [Il-qligħ qabel l-interessi u t-taxxa] tal-fatturat ta' mill-inqas 1.5%

11 COM(2006) 814 finali

iktar milli fuq il-bażijiet tal-prezzijiet. Dawn l-isforzi għandhom jitkomplew u jiġu appoġġjati bil-materjalizzazzjoni tal-modernizzazzjonijiet futuri tal-linji ta' tlestija u għalhekk tittejjeb il-kwalità tal-prodotti lesti.

*2.4.2. L-investimenti*

L-ebda waħda mill-kumpaniji koperti mill-Protokoll ma setgħet tattwa l-investimenti kollha previsti fl-IBPs tagħhom. Finalment il-kumpaniji komplew u kkommettew b'mod irrevokabbli biss bejn 22% u 71% tal-miri sal-aħħar tal-2006. Madankollu, meta wieħed iqis li l-ammont ta' għajnuna mogħtija mill-istat baqgħet taħt il-valuri awtorizzati, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-ristrutturar kellu intensità ta' għajnuna finanzjarja xierqa u l-ebda għajnuna mill-istat ma qabżet il-minimu meħtieġ.

Huwa fil-każ tal-VPFM biss li l-livell tal-investimenti attwati, meta mqabbla mal-ammont tal-għajnuna ta' ristrutturazzjoni li wasslu lill-Kummissjoni li tinvestiga u tordna li jkun hemm rimborż parzjali tal-għajnuna finanzjarja mogħtija[12]. Għalhekk il-benefiċjarju ħallas lura CZK 24.88 miljun.

Il-Kummissjoni kompliet tissorvelja l-materjalizzazzjoni tal-investimenti impenjati b'mod irrevokabbli li kellhom jiġu ffinalizzati waqt l-2007 u l-2008. Minħabba li għal xi investimenti minnhom l-ikkummissjunar tagħhom huwa previst għal wara l-2008, hi tirreżerva wkoll il-possibilità li tieħu l-miżuri xierqa fil-każ li l-investimenti ma jiġux implimentati.

*2.4.3. Protezzjoni tal-ambjent*

Il-Protokoll irrikjeda li l-kumpaniji benefiċjarjijiksbu konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja relevanti fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent fil-mument tal-adeżjoni. Il-permessi integrati f'konformità mad-direttiva tal-IPPC[13] diġà ngħataw għall-faċilitajiet fis-settur li jagħmlu l-azzar.

## 3. L-ISTRUTTURAR MILL-ĠDID TAS-SETTUR TAL-AZZAR POLLAKK

Il-kumpaniji koperti bid-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 8 kienu: Polskie Huty Stali (issa Mittal Steel, il-Polonja - MSP), Huta Andrzej, Huta Bankowa, Huta Batory, Huta Buczek (issa Technologie Buczek), Huta L.W. (issa Arcelor Huta Warszawa - AHW), Huta Labedy u Huta Pokoj. Sadanittant tneħħew żewġ kumpaniji mill-Programm Nazzjonali ta' Ristrutturar (PNR) - Huta Andrzej u Huta Batory għax marru għand ir-riċevitur. Il-kumpaniji benefiċjarji rrappreżentaw 70% tal-produzzjoni tal-azzar mhux maħdum tal-Polonja.

### 3.1. L-istrutturar għall-għajnuna tal-istat

Il-Kummissjoni kkonkludiet fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli li l-Polonja irrispettat l-obbligi tal-Protokoll dwar l-għajnuna tal-istat. Hi ħallset PLN 2.73 biljun ta' għajnuna finanzjarja għar-ristrutturar li rrappreżentat biss 82% tal-limitu tal-Protokoll ta' PLN 3.38 biljun. Din l-għajnuna ngħatat qabel l-aħħar tal-2003 skont il-Protokoll. Din l-evalwazzjoni wriet ukoll li l-ammont imnaqqas ma kellux impatt negattiv fuq il-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpaniji. Bħal fil-każ Ċek, l-għajnuna tal-istat li ngħatat lill-kumpaniji tal-azzar Pollakki iffukat prinċipalment fuq l-istrutturar finanzjarju.

---

12 Każ tal-Għajnuna tal-Istat Nru 350/06 – Bidla tal-pjan tar-ristrutturar tal-VPFM – 08.06.2007, ĠU C 200 tat-28.08.2007 p.1

13 Direttiva 96/61/KE, ĠU L 257 tat-10.10.1996, p. 26.

L-allokazzjoni ddettaljata tal-għajnuna tal-istat lill-kumpaniji individwali ġiet speċifikata fil-PNR approvat tal-Polonja. Id-dejta provduta wasslet lill-Kummissjoni biex tikkonkludi li l-ammont u l-intensità tal-għajnuna kienu limitati għal minimu strett meħtieġ biex il-kumpaniji jitħallew isiru vijabbli. Għall-kumpaniji benefiċjarji individwali, ir-riżultat kien kif ġej:

a) L-MSP irċeviet 85 % tal-ammont massimu ta' PLN 3.14 biljun, il-biċċa l-kbira marbut mal-maħfra tad-djun u mal-garanziji tas-self. Is-sussidjarju tagħha Huta Bankowa li fl-2006 tneħħa mill-grupp tal-Arcelor Mittal (wara Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-merġer)[14] rċieva 92 % tal-ammont massimu meħtieġ.

b) L-AHW irċeviet 63 % tal-ammont massimu tal-għajnuna statali finanzjarja. Dan ġie kkonfermat abbażi tal-proċedura tal-għajnuna mill-istat li l-Kummissjoni niedet biex tinvestiga dwar abbuż tal-għajnuna finanzjarja min-naħa tal-AHW[15]. Il-Kummissjoni kkonkludiet fl-investigazzjoni tagħha li parti minn garanzija bl-ammont ta' EUR 31.2 miljun ġiet użata b'mod ħażin u ordnat irkupru parzjali. L-AHW f'Novembru 2007 b'mod volontarju ħallset lura s-somma ta' EUR 2.09 miljun.

c) Huta Labedy u Huta Pokoj rċevew 40 % u 66 % mill-massimu rispettivament. Dan ħalla lill-Kummissjoni tikkonkludi li minkejja l-livelli baxxi ta' investiment, l-ammont u l-intensità tal-għajnuna ġew limitati għall-minimu strett tal-ispejjeż ta' ristrutturar meħtieġa.

d) Technologie Buczek irċeviet 41 % tal-ammont massimu tal-għajnuna statali finanzjarja. Bħala konsegwenza tal-proċedura ta' falliment mħabbra fl-2006, il-Kummissjoni ħarġet deċiżjoni[16] dwar l-abbuż ta' għajnuna finanzjarja statali u ordnat irkupru.

## 3.2. Tnaqqis tal-kapaċità

Il-Protokoll speċifika għadd ta' linji ta' tlestija li kellhom jingħalqu minħabba l-għajnuna finanzjarja għar-ristrutturar li ngħatat, sabiex jikkumpensaw għall-vantaġġ kompetittiv possibbli u l-effetti ta' distorsjoni relatati. It-tnaqqis fil-kapaċità netta li għandu jintlaħaq mill-Polonja għal prodotti lesti waqt il-perjodu 1997-2006 għandu jkun ta' 1,231,000 tunnellati metriċi.

Il-Kummissjoni evalwat it-tnaqqis tal-kapaċità permezz taċ-ċertifikati ta' għeluq u verifika minn konsulent indipendenti, skont id-dispożizzjonijiet relevanti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni[17]. Fil-każ partikolari tal-MSP u l-bidla tal-pjan tan-negozju approvat [18] l-impjant tar-rombli għall-manifattura tal-pjanċi bis-sħana eżistenti se jingħalaq biss ladarba impjant tar-rombli għall-manifattura tal-pjanċi bis-sħana ġdid ikun installat fis-sit ta' din il-kumpanija fi Krakovja li kien skedat għall-aħħar tal-2008.

---

14 Każ Nru COMP/M.4137 - Mittal /Arcelor, Avviż ta' 07/04/2006 skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 139/20041

15 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal- 11 ta' Diċembru 2007 dwar l-għajnuna statali C 51/06 (ex N 748/06) li l-Polonja implimentat għal Arcelor Huta Warszawa, ĠU L 143 tat-03.06.2008

16 Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar l-għajnuna statali C 23/06 (ex N 35/06) li l-Polonja implimentat għal produttur tal-azzar Technologie Buczek Group , ĠU L 116 tat-30.04.2008

17 Id-Deċiżjoni 3010/91/KEFA ĠU L 286, 16.10.1991, p. 20

18 Każ tal-Għajnuna tal-Istat Nru 186/05 – Bidla tal-pjan tan-negozju tal-MSP – 20.07.2005, ĠU C 12 tat-18.01.2006 p.2

Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għeluq kollu twettaq f'konformità mal-pjanijiet approvati.

Barra mill-obbligi tal-Protokoll il-kumpaniji tal-azzar Pollakki ddeċidew li jillikwidaw b'mod volontarju l-għadd ta' kapaċitajiet ineffiċjenti li jinkludu l-batteriji tal-kokk, l-impjanti li jipproduċu l-pjanċuni (slabbing mills) u l-vireg tal-ħadid mhux raffinat (blooming mills) u linja ta' galvanizzar elettrolittiku.

## 3.3. Limiti ewlenin oħra ta' ristrutturar

Wara l-proċedura ta' falliment tat-Technologie Buczek, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpanija ma kinitx konformi mal-għanijiet tar-ristrutturar u għalhekk ħarġet deċiżjoni fuq l-abbuż tal-għajnuna tal-istat u ordnat l-irkupru.

### *3.3.1. Vijabilità u andament finanzjarju*

Il-kumpaniji kollha minbarra Huta Bankowa għaddew test ta' vijabbilità bla diffikultà fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturar tal-2006. Huma kisbu EBITDA ta' bejn 10.1% u 21.6%, b'mira ta' 10.0 % u EBIT bejn 5.2% u 16.6%, bil-mira ta' 1.5 %.

Huta Bankowa ma għaddietx it-test ta' vijabbiltà tal-Kummissjoni fl-2006 minħabba diffikultajiet teknoloġiċi mhux mistennija. Madankollu, abbażi tar-riżultati pożittivi miksuba fl-2005 u iktar tard fl-2007, ġie konkluż li l-benefiċċji tal-isforzi ta' ristrutturar li twettqu ppermettew lil Huta Bankowa tilħaq vijabbilità sostenibbli.

### *3.3.2. Produttività u impjiegi*

Żewġ kumpaniji kisbu livelli ta' impiegi finali li kienu taħt dawk previsti, kumpanija kienet f'konformità mal-livelli ta' impiegi ppjanati u żewġ kumpaniji qabżu ferm il-livelli previsti. L-għadd globali ta' impiegi baqa' jaqbeż dak previst (livell medju annwali ta' impiegi ta' 15,564 kontra l-mira PNR ta' 13,702) li kien prinċipalment ir-riżultat tad-dewmien tal-għeluq u l-finalizzazzjoni ta' investimenti kbar. Il-modernizzazzjoni attwali madankollu għandha tgħin biex din is-sitwazzjoni tiġi aġġustata fil-futur qrib.

Għalkemm il-livell globali ta' produttività tal-benefiċjarji tjieb, baqa' ferm inqas mill-medja tal-UE kif imsemmi fil-Protokoll. Sal-aħħar tal-2006, kien osservat livell medju ta' produttività ta' madwar 321 tunnellati għal kull persuna. Ir-rizultati tal-kumpaniji individwali huma differenti ħafna minn xulxin, peress li l-AHW kisbet livell ferm ogħla minn dak previst u l-MSP livell ferm iktar baxx mill-mira tal-IBP.

### *3.3.3. Tnaqqis ta' spejjeż*

Il-kumpaniji benefiċjarji wrew b'mod ċar li l-bidla fil-kultura tal-kumpaniji tagħhom ippermettitilhom inaqqsu l-ispejjeż tagħhom. Ir-riżultati miksuba fil-livell ta' kumpaniji individwali juru li ttieħdu għadd ta' azzjonijiet biex jitnaqqsu l-ispejjeż operazzjonali. Ingħatat attenzjoni partikolari lil għodod ġodda tal-IT għall-monitoraġġ u l-kontroll tal-ispejjeż matul il-produzzjoni. Saru investimenti teknoloġiċi biex jimmodernizzaw u jissostitwixxu faċilitajiet eżistenti u jipprovdu kontribut sostanzjali biex jitnaqqsu l-ispejjeż. Min-naħa finanzjarja, l-ispejjeż bankarji ġew negozjati mill-ġdid u ġew reveduti kuntratti tax-xiri tal-materjali primi.

## 3.4. Rekwiżiti ta' protokoll oħra

### *3.4.1. Strateġiji ta' negozji/swieq*

Inkisbu l-għanijiet previsti fl-IBPs fir-rigward tal-organizzazzjoni mill-ġdid ta' faċilitajiet ta' produzzjoni u l-istrutturi ta' organizzazzjoni mtejba Il-kumpaniji

rrevdew ukoll l-istruttura tal-bejgħ u kisbu livelli ogħla ta' bejgħ dirett. It-taħlita tal-prodott inbidlet u fejn kien meħtieġ, il-kumpaniji għaddew għal suq ta' prodotti b'valur miżjud ogħla.

*3.4.2. L-investimenti*

Żewġ kumpaniji benefiċjarji Huta Pokoj u Huta Bankowa laħqu l-miri tagħhom ta' investimenti. Huta Labedy lestiet b'suċċess xi 75% tal-investimenti approvati. L-AHW lestew 37% tal-pjan approvat fil-bidu, iżda mindu fl-2005 ġiet akkwistata il-kumpanija din investiet f'impjant ġdid u għalhekk laħqet 170% tal-ammont previst fil-bidu.

L-MSP, kif previst fil-Protokoll, irrealizzat l-investimenti marbuta mal-bidliet fit-taħlita tal-prodotti u t-titjib tal-kwalità tal-prodotti tagħha. Madankollu, minħabba l-bidla fl-IBP tagħha, il-miri għall-effiċjenza u l-produzzjonijiet tal-enerġija ma setgħux jintlaħqu fl-2006 iżda ġew ippjanati li jintlaħqu fl-2008.

*3.4.3. Protezzjoni tal-ambjent*

Il-Protokoll, għal kuntrarju tal-każ tal-industrija tal-azzar Ċeka, ma kienx jeħtieġ li l-kumpaniji benefiċjarji jiksbu konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja relevanti fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent fil-mument tal-adeżjoni. Għalhekk, ir-reġim tranżitorju għall-*acquis* ambjentali għal Polonja kif stabbilit skont it-Trattat tal-Adeżjoni[19] pprovda lista derogattiva tal-installazzjonijiet tal-azzar għall-konformità mad-direttiva tal-IPPC. Sa Diċembru 2010, b'deroga mid-direttiva tal-IPPC, ir-rekwiżiti għall-għoti tal-installazzjonjiiet eżistenti ma japplikawx għal Huta Sendzimira (issa parti mill-MSP), Huta Andrzej, Huta Czestochowa, Huta Batory, Huta Jednosc u Huta Laziska. Inħarġu permessi tranżitorji għal dawn l-installazzjonijiet li jinkludu skedi kronoloġiċi li jorbtu individwalment sabiex tinkiseb konformità sħiħa.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Din hija lista ta' rapporti ta' monitoraġġ dwar ir-ristrutturar tal-industriji tal-azzar tar-Repubblika Ċeka u tal-Polonja. Minħabba r-riżultati li nkisbu, il-Kummissjoni evalwat li d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll 2 u 8 għat-Trattat tal-Adeżjoni ġew rispettati:

- l-għajnuna totali ta' ristrutturar mogħtija lill-kumpaniji li kienu qed jibbenefikaw kien taħt il-limitu massimu,

- intlaħqet il-kapaċità netta ta' tnaqqis,

- intlaħqu l-limiti ta' ristrutturar kif stabbiliti fl-Anness 3 tal-Protokolli (vijabbiltà, produttività u tnaqqis fl-infiq).

Il-Kummissjoni tikkonkludi li kollox ma kollox il-proċess ta' ristrutturar skont il-perjodu tranżitorju spiċċa b'suċċess. Il-produtturi tal-azzar sa mill-2007 fil-Polonja u r-Repubblika Ċeka operaw taħt l-istess kundizzjonijiet bħall-kumpanji kollha tal-azzar fis-suq Ewropew.

Il-proċess ta' ristrutturar kien iffaċilitat b'mod partikolari minn żewġ fatturi : il-privatizzazzjoni u l-kundizzjonijiet ġenerali tas-suq waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni (2003-2006). Kemm is-settur Ċek kif ukoll dak Pollakk għaddew minn bidla kbira ta'

[19] ĠU L 236 tat-23.9.2003, p. 875-905

sidien waqt dak il-perjodu. Waqt li fl-2002 il-kumpaniji kienu l-biċċa l-kbira proprjetà pubblika, sal-2008 l-privatizzazzjoni tagħhom ġiet konkluża minn trasferiment tal-ishma lil investituri strateġiċi. Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li bidla fil-kultura tal-kumpanija u l-implimentazzjoni rigoruża tal-pjanijiet tan-negozju kellhom rwol ewlieni fit-tħejjija ta' dawk il-kumpaniji biex jiffaċċjaw l-isfidi tal-futur.

Min-naħa l-oħra, il-kumpaniji rċevew appoġġ sostanzjali mis-suq tal-azzar li qed jisplodi u żieda relatata ta' prezzijiet tal-bejgħ, li mill-2003 sa nofs l-2008, ippermettewlhom li jtejbu l-prestazzjoni tagħhom b'mod sostanzjali. Ir-rati ta' tkabbir partikolarment għoljin tas-swieq domestiċi għall-azzar fiż-żewġ Stati Membri kellhom rwol ewlieni biex jgħinu li tintlaħaq il-vijabbiltà tal-kumpaniji benefiċjarji.

Il-monitoraġġ tar-ristrutturar tas-settur tal-azzar ippermetta kooperazzjoni mill-qrib u regolari bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u l-kumpaniji. Dan ikkontribwixxa biex jiġu sodisfatti b'mod adegwat l-obbligi meħtieġa mill-Protokolli.